**Kunsill Lokali**
**Għajnsielem**

---

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**
**IT-TMIEN KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 54– 4 ta' Awwissu 2023**
Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficju tal-Kunsill Lokali Għajnsielem nhar il-Ġimgħa 4 ta' Awissu 2023 f'nofsinhar.

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Kevin Cauchi | Sindku |
| Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| Stephen Mercieca | Kunsillier |
| Teddy Saliba | Kunsillier |
| Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |

**54.1 Talba**

54.1.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Kevin Cauchi.

**54.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

54.2.1 Inqraw il-minuti u ġew approvati.

**54.3 Qari ta' l-ittri ta' apoloġija**

54.3.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**54.5 Approvazzjoni tar-rapporti tal-Evalwazzjoni tal-offerti**

54.5.1 Gew prezentati r-rapporti tal-Evalwazzjoni ta' dawn l-offerti:-

Offerta tal-Għamara għaċ-Ċentru Marittimu - Għal din l-offerta ntefgħu dawn l-offerti:-

Aretrop Ltd €34,300.00
Proma Ltd €20,025.00
B2ALL €12,700.00

Invicta €23018.12
Creative Refurbishing Centre €12,715.39
Dino Fino Ltd €51,715.00

Il-Bord irrakkomanda li l-għazla għandha taqa' fuq l-orħos waħda u technically compliant dik ta' Invicta għal prezz ta' €23,018.12. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi fuq din l-għażla u jiffirma l-kuntratt.

54.5.2 Għall-offerta tal-Fanali ta' Triq J F De Chambray il-Bord sab li l-offerta mitfugħa mhix kompatibbli u għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jerġa jippublika l-offerta mill-ġdid.

54.5.3 L-offerta mitfugħa għall-Interactive Touch Table, Totems and Led Banner, l-offerta mitfugħa wkoll ma kinitx compliant u għalhekk kellha terga tinħareg mill-ġdid.

54.5.4 L-offerta tax-xogħolijiet tal-Bollards fi Triq J F De Chambray wkoll ġiet evalwata u l-għażla waqgħet fuq l-orħos u l-unika offerta dik ta' Mark Attard għall-prezz ta' €22,650. Il-Kunsill approva r-rapport u qabel li għandu jipproċedi b'din l-għażla.

54.5.5 L-Offerta tal-Faċċata tal-Iskola u Cladding ukoll ġiet evalwata u l-għażla wkoll waqgħet fuq l-orħos u l-unika offerta dik ta' Mark Attard għall-prezz ta' €69,618.00.

54.5.6 Għall-Call for Quotation tad-diorama ntefgħet offerta waħda biss mingħand Għaqda Hbieb Presepji Għajnsielem għall-prezz ta' € 3500. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni u jiffirma l-kuntratt.

54.5.7 Għall-Call for Quotation tal-mudelli tad-dgħajjes ntefgħet offerta waħda biss dik ta' Concetta Cassar għall-prezz ta' € 5000. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat l-ittra ta' aċċettazzjoni u jiffirma l-kuntratt.

54.5.8 – Servizz ta' Boat Trips - L- orħos offerta kienet ta' Ta' Miema Boat Services Eur2,500 exclusive of VAT

54.5.9 Ġie preżentat ir-rapport tal-Evaluation Bord għall-offerta ta' Event tal-Amppa Echoes by the Sea 2023 nhar it-12 t'Awissu 2023. Il-Bord sab li ntefgħu żewġ offerti dik mingħand Prostage għall-prezz ta' €22,400 u dik mingħand Powersound għall prezz ta' €32,940. Wara kjarifiċi mibgħuta, il-Bord ikkonkluda li l-orħos offerta dik ta' Prostage hija kompatibbli u li Powersound irrinunzja għall-offerta tiegħu. Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jonora d-deċizzjoni tal- Bord u jaċċetta l-offerta ta' Prostage u jiffirma l-kuntratt peress li ż-żmien qorob.

54.5.10 Sar qbil li l-Kunsill għandu jitlob direct order lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali għall-eżerċizzju ta' esperimentazzjoni tas-sajd li jinħtieġ issir taħt il-proġett Amppa mad-Dipartiment tal-Fisheries.

54.5.11 Sar qbil ukoll li għandna nippublikaw l-offerta tal-proġett tal-Pjazza tad-Dehra u Playing Field flimkien mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet.

## 54.6 Riżultat tal-interview tal-post ta' Assistent Principal

54.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv irreferiet għall-interview li sar lill-kandidata waħda biss nhar it-28 ta' Lulju 2023. Il-Bord kien kompost kif maqbul mis-Segretarju Eżekuttiv Lucienne Haber, l-Assistent Principal Joseph Ciantar u l-Accountant tal-Kunsill Pauliana Said.

54.6.2 Hija spjegat kif meta ġiet intervistata il-kandidata ma uritx li għandha l-ħiliet meħtieġa f'dawk li huma finanzi, accounting, għarfien fuq skemi, proġetti tal-Unjoni Ewropea u anke fuq complaint handling.

54.6.3 Il-kandidata ma kisbitx passmark u għalhekk il-Bord ħass li ma tikkwalifikax għal dan il-Post. (Kopja tar-riżultat tar-Rapport ġiet preżentata)

54.6.4 Il-Kunsill għalhekk qabel li għandu jonora d-deċiżjoni tal-Bord tal-għażla u għalhekk b'effett immedjat għandna ninfurmaw lil Jobsplus biex jagħtina l-permess biex is-sejħa tinħareġ ghal pubbliku b'effett immedjat.

## 54.7 Materji oħra

Is-Sindku rrefera għall-iskema SPI/SCI/10/2022 - Espressjoni ta' Interess - Żvilupp u titjib ta' lattrini pubbliċi awtomatiċi madwar Malta u Għawdex mnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali sabiex jittranġaw ħsarat maġġuri fil-latrini. Il-Kunsill qabel li għandu jissottometti applikazzjoni għall-manutenzjoni tal-latrina tax-Xatt u sabiex tinbidel f'waħda semi-automatic.

## 54.8 Tmiem il-laqgħa

Il-laqghħa ntemmet fis-13:00.

**Kevin Cauchi**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**